



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-2 ta' Ġunju 2021 – Casa Regina Apostolorum della Pia Società delle Figlie di San Paolo vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-223/18)

“Għajjnuna mill-Istat – Servizzi ta' kura tas-saħħa – Sussidji diretti mogħtija lill-isptarijiet pubbliċi fir-Reġjun tal-Lazio (l-Italja) – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat – Rikors għal annullament – Att regolatorju li ma jinkludix miżuri ta' implimentazzjoni – Inċidenza diretta – Ammissibbiltà – Obbligu ta' motivazzjoni – Kunċett ta' attività ekonomika”

1. *Proċedura ġudizzjarja – Rappreżentanza tal-partijiet – Mandat ad litem – Grad ta' preċiżjoni meħtieġ*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 51)

(ara l-punti 54 sa 61)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Rappreżentanza tal-partijiet – Mandat ad litem – Produzzjoni mhux meħtieġa għall-membri tal-persunal tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 19; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 51)

(ara l-punti 64 sa 66)

3. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Kunċett ta' att regolatorju fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Kull att ta' portata ġenerali bl-eċċezzjoni tal-atti leġiżlattivi*

(ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 73 sa 77)

4. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti regolatorji – Atti li ma jinkludux miżuri ta' eżekuzzjoni u li jikkonċernaw lir-rikorrent direttament – Kunċett ta' miżuri ta' eżekuzzjoni – Kriterji – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat – Att li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tal-kompetituri tal-benefiċjarji tal-miżura nazzjonali li tqieset bħala li ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat*

(ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 78 sa 88)

5. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti regolatorji – Atti li ma jinkludux miżuri ta' eżekuzzjoni u li jikkonċernaw lir-rikorrent direttament – Kunċett ta' inċidenza diretta – Kriterji – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajjnuna mill-Istat – Rikors ta' entità kompetitriċi tal-impriża benefiċjarja – Entità kompetitriċi li turi inċidenza diretta fuq id-dritt tagħha li ma ggarra b' kompetizzjoni distorta – Ammissibbiltà*

(ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 89 sa 101)

6. *Rikors għal annullament – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni – Interpretazzjoni tal-motivazzjoni ta' att amministrattiv – Limiti – Sostituzzjoni tal-motivazzjoni tal-awtur tal-att ikkontestat b'dik tal-qorti tal-Unjoni – Inammissibbiltà*

(Artikoli 263 u 264 TFUE)

(ara l-punti 103 sa 108)

7. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni li tiddikjara l-ineżistenza ta' għajjnuna mill-Istat iddenunzjata minn lanjant – Espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm provi li juru l-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat – Motivazzjoni suffiċjenti*

(Artikoli 107(1) u 296 TFUE)

(ara l-punti 120 sa 142)

8. *Kompetizzjoni – Regoli tal-Unjoni – Impriża – Kunċett – Eżerċizzju ta' attività ekonomika – Kunċett – Kura tas-saħħa mogħtija minn sptarijiet pubbliċi fil-kuntest tas-servizz tas-saħħa nazzjonali – Esklużjoni – Kundizzjonijiet – Attivitajiet ta' kura mwettqa mingħajr skop ta' lukru u taħt il-kontroll tal-Istat – Attivitajiet ta' kura mwettqa fil-kuntest ta' sistema li timplimenta l-prinċipji ta' solidarjetà u ta' universalità – Evalwazzjoni – Servizz tas-saħħa nazzjonali bbażat fuq il-prinċipji ta' solidarjetà u ta' universalità minkejja l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' kompetizzjoni u ta' għażla libera tal-pazjent*

(Artikolu 107(1) TFUE)

(ara l-punti 147 sa 173)

9. *Kompetizzjoni – Regoli tal-Unjoni – Impriża – Kunċett – Eżerċizzju ta’ attività ekonomika – Kunċett – Kura tas-saħħa mogħtija minn sptarjiet pubbliċi fil-kuntest ta’ servizz tas-saħħa nazzjonali – Esklużjoni – Sptarjiet pubbliċi li jwettqu wkoll attivitajiet ta’ eżerċizzju liberali li ma jaqgħux taħt is-servizz tas-saħħa nazzjonali – Assenza ta’ rilevanza – Kundizzjoni – Osservanza tal-obbligu li tinżamm kontabbiltà separata*

(Artikolu 107(1) TFUE)

(ara l-punti 178 sa 184)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 7973 final tal-4 ta’ Diċembru 2017 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.39913 (2017/NN) – l-Italja – Kumpens allegat tal-isptarjiet pubbliċi fir-Reġjun tal-Lazio.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Casa Regina Apostolorum della Pia Società delle Figlie di San Paolo għandha tbatli l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.